# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 30 ta' Jannar 2019

**Rikors Numru : 500/2018 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**MA**

**Vs**

**FA**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' MA, datat 9 ta' Novembru 2018 li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tnax ta' Frar tas-sena elf disa mija u erbgha u tmenin (12.02.1984) ara dok AD 1;*

2. *Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg t'itfal, illum maggorenni;*

3. *Illi r-rekwiziti ghall-pronunzjament tad-divorzju, kif elenkati fl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huma sodisfatti stante:*

    i. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-ghoxrin ta' Mejju tas-sena elfejn u hamsa (20.5.2005) in forza ta' kuntratt redatt min Nutar Joseph Debono (Ara l-kuntratt ta' separazzjoni hawn anness u mmarkat bhala 'Dok AD 2')*

ii. *Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet li, llum il-gurnata, qeghdin jghixu hajja totalment separata minn xulxin;*

iii. *Illi l-partijiet skond l-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni kienu iddekadew ghad-dritt li jezigu manteniment minn ghand xulxin u ghalhekk m'hemm l-ebda kwistjoni dwar manteniment;*

4. *Illi dawn il-fatti huma debitament ikkonfermati fl-affidavit hawn anness u immarkat bhala 'Dok AD 3'.*

5. *Illi ghall-finijiet tal-Artikolu 66N (1)(a) u (b) qieghed jigi rilevat li l-partijiet huma domiciljati f'Malta u ghandhom residenza taghhom f'Malta;*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogghobha, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni u/jew provvediment opportun a tenur tal-Artikolu 66A et seq. tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie celebrat maill-partijiet fit-tnax ta' Frar tas-sena elf disa mija erbgha u tmenin (12.02.1984);*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghaldaqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju u l-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' FA, datata 27 ta' Novembru 2018, a fol 10, li taqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti zzewgu fit-12 ta' Frar, 1984, mil-liema zwieg twieldu zewgt itfal u cioe' R li twieled fl-14 ta' Dicembru 1984 u S li twieled fit-13 t'Ottubru 1986, illum ilkoll maggorenni.*

2. *Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser b'mod irrimedjabbli minhabba ragunijiet serji li skond il-ligi jaghtu lok ghall-firda personali, u anke ghat-temm tal-istess zwieg.*

*Di fatti, l-partijiet kienu permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni datat 20 ta' Mejju , 2005 numru 9556/05, redatt min-nutar Dr Joseph Debono sseparaw bonarjament, u ilhom hekk de facto separati minn dakinhar.*

3. *Illi ai termini tal-istess kuntratt, bi qbil bejniethom, il-partijiet kienu ddekadew ghad-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin u ghaldaqstant m'hemmx kwistjonijiet dwar manteniment bejn il-kontendenti.*

4. *Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti u kkonfermahom fl-affidavit tieghu, mehmuz ma' din ir-risposta bhala Dok FA1.*

5. *Ghaldaqsant, fl-isfond tas-suespost, l-esponenti qed jiddikjara li joggezzjonax ghat-talbiet attrici u jitlob bir-rispett lil din l-Onor. Qorti sabiex tiddikjara d-divorzju u/jew l-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-12 ta' Frar, 1984 u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku.*

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi rrizulta li l-partijiet kienu izzewwgu nhar it-12 ta' Frar 1984, u li minn dan iz-zwieg kien hemm zewgt itfal li llum maggorenni. (Vide Dok. AD 1, a fol 4)

Jirrizulta wkoll illi l-partijiet ilhom separati legalment b'kuntratt ppubblikat datat 20 ta' Mejju 2005, in atti tan-Nutar Joseph Debono (Vide Dok.AD 2);

**MA** xehdet permezz t'affidavit a fol 3 illi l-partijiet izzewgu fit-12 ta' Frar 1984 u kienu ottjenew separazzjoni legali fit-20 ta' Mejju 2005 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal, li llum il-gurnata huma maggorenni. Xehdet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**FA** xehed permezz t'affidavit a fol 12 u kkonferma u kkorobora ix-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***[...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***[...]***

Il-Qorti tqis illi l-partijiet isseparaw konsenswalment permezz ta' kuntratt datat 20 ta' Mejju 2005 fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono, debitament awtorizzat mill-Qorti, u ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis in oltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqu' bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**